# Il-premju Familja Qalb tad-Deheb

**kitba u ritratti ta' Charlie Spiteri**

Familja minn Għajnsielem li baqgħet iżżomm sħiħ u magħquda minkejja id-diffikultajiet li għaddejja minnhom irċiviet il-Familja Qalb tad-Deheb, premju mogħti kull sena mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex, għal dawn l-aħħar 38 sena.

L-unur ġie ppreżentat lill-Familja Saliba mill-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Edward Fenech Adami fil-Lukanda Ta' Ċenċ, f'Sannat, fil-preżenza fost oħrajn, ta' Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said u l-membri parlamentari Għawdxin Frederick Azzopardi, l-Avukat Anton Refalo u l-Avukatessa Justyn Caruana.

Il-Kavallier in-Nutar Paul G. Pisani, Ċermen tal-Bord tal-Għażla, fid-diskors tiegħu qal illi l-Bord tal-Għażla, din is-sena kien għażel familja li għalkemm għandha żewġt ulied tewmin b'diżabilità, mhux biss aċċettathom bil-ferħa, iżda tagħmel dak kollu neċessarju sabiex il-ħajja ta' dawn l-ulied tkun



*Il-Kavallier Dr Paul G. Pisani jidher jaqra r-rapport tal-Bord tal-Għażla.*

aktar faċli u pjaċevoli. Hawnhekk ħabbar illi l-familja rebbieħa tal-Premju Qalb tad-Deheb, 2008, kienet il-familja ta' **Teddy u Anna Saliba**, minn Għajnsielem.

Il-Kavallier Dr Pisani żid jgħid illi il-ġenituri ittantaw xortihom fil-Kanada sabiex jippruvaw jiksbu għajxien xieraq u kien hawn fil-Kanada li fis-sena 1983 twieldu it-tewmin, Bryanna u Daniel. Mat-twelid ġew dijanjostjati b'diżabilità serja. Il-ġenituri madankollu aċċettawhom bil-ferħa u rabbewhom mill-aħjar li setgħu u bil-mezzi limitati tagħhom. Meta reġgħu lura Malta, it-tfal bdew jattendu l-ATC f'Għajnsielem. Il-missier daħal b'ruħu u ġismu għall-attivitajiet ta' *fundraising* u ġie elett teżorier tal-Għaqda Ħbieb ta' l-ATC. Proprju każ ta' persuna li kif ngħidu tgħin lilha innifisha sabiex Alla jgħinha. Minkejja mard ieħor fil-familja, kompla Dr Pisani, l-istess familja baqgħet magħquda u l-konjuġi Saliba jassiguraw li sakemm ikun possibbli uliedhom jgħixu ħajja normali u dana żgur li jikkawżalhom stress, sagrifiċċji u kultant xi diżappunt ukoll. Joħroġ mir-rapport ukoll illi l-familja Saliba hija familja maqgħuda anke spiritwalment, għaliex id-don tal-fidi qed jiġi sfruttat minnha fil-massimu tiegħu kollu. Pubblikament, temm jgħid iċ-Ċermen il-Kavallier Dr Pisani li bl-istqarrija u bl-għemil il-familja Saliba hija xempju tal-familja nisranija *par excellence*.

Kelliema oħra kienu Dun George Borg, Direttur tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u l-Eċċ. Tiegħu l-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami.

Il-lejla kienet tinkludi wkoll diversi siltiet mużikali, fosthom *Pacem in Maribus* ta' Charles Camilleri u *Jesu Hominem Amator* ta' Johann S. Bach, mill-kor Għawdxi, Chorus Urbanus taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.




*Il-'Chorus Urbanus' waqt is-siltiet mużikali li ta.*



*Il-President ta' Malta jidher qed jippreżenta x-Shield lil Teddy u Anna Saliba.*

L-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami, imbagħad ippreżenta s-*shield* lir-rebbieħa ta' din is-sena, Teddy u Anna Saliba, liema *shield* tinżamm għal sena mill-familja rebbieħa biex imbagħad terġa' tingħata lir-rebbieħa tas-sena ta' wara.

Diversi kienu dawk li ppreżentawlhom rigal ta' tifkira, fosthom, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru Giovanna Debono, l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada, is-Sindku Francis Cauchi u minn Dun George Borg għannom ta' Joseph Micallef, it-teżorier tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex.

L-għan ta' dan il-premju huwa li jpoġġi fil-*limelight* l-aġir nobbli tal-familja magħżula sabiex isservi ta' mudell għas-soċjetà.



*L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech jidher jippreżenta rigal ta' tifkira lil Teddy u Anna Saliba.*

# Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat

Ħames seminaristi mid-djoċesi Għawdxija nhar il-Ħadd li għadda 22 ta' Frar, filgħaxija, fil-Knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur, irċivew il-Ministeru tal-Lettorat, waqt Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech.

Is-Seminaristi huma, Krystof Buttigieg mill-parroċċa tal-Qala, Samuel Grech mill-Parroċċa ta' Għajnsielem, John Mejlak mill-parroċċa tal-Katidral u Trevor Sultana u Franklin Vella mill-parroċċa tax-Xewkija.

Il-Ministeru tal-lettorat huwa l-ewwel Ministeru li s-seminaristi jirċievu fit-triq tagħhom għall-ordinazzjoni saċerdotali. Bl-għoti ta' dan il-Ministeru, is-seminaristi, issa ġew imsieħba fil-missjoni tax-xandir tal-Kelma t'Alla bħala letturi istitwiti.



*Il-Ħames Seminaristi flimkien ma' Mons Isqof Mario Grech, fil-Kor tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, hekk kif spiċċat il-Konċelebrazzjoni ta' l-okkażjoni.*



*Waqt l-għoti tal-Ministeru tal-Lettorat lis-Seminarista Samuel Grech.*



*Jidhru parti żgħira minn Knisja mballata fil-veru sens tal-kelma, b'familjari u ħbieb ta' dawn is-Seminaristi.*

**Original Maltese Cafe**





**310 Crown St**
**Darlinghurst 2010**
**Ph: 02 93616942**

*Now Serving 8 varieties of Hot Pastizzi, Ravjul, Qassatat, Lasagne, Gnocchi, Cannelloni, Maltese Biscuits, Kinnie, Gelato, Large range of hot and iced Coffees, Kanolli.*
*Introducing: Stuffat tal Fenek on Spaghetti, available first weekend of every month.*
*Watch for more new products coming soon.*
**All products available frozen**

Open Sun & Mon 9 am to 6 pm , Tues to Sat 9 am to 8 pm